MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2008

Numru 21/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**vs**

**OMISSIS**
**JOSEPH VELLA**

**Il-Qorti**

Rat lill-imputat **JOSEPH VELLA** ta' tmienja w tletin sena bin Simon u Julia nee Debono, imwieled Cospicua nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1969 u residenti 101, Triq San Gusepp, Pieta, detentur tal-karta tal-identita numru 451969M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar it-tlieta ta' Jannar 2008 gewwa Triq l-Isptar ir-Rabat fid-disgha w kwart ta' filghodu flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' flus, w accessorji, liema valur ta' dawn oggetti ma jeccedix il-hamsin lira maltin izda jeccedi l-ghaxar liri Maltin ghad-detriment ta'

Vincenza Attard mir-Rabat, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u dan ai terminu tal-Artikoli 261, 262, 274 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi flimkien ma persuni ohra, rrenda ruhu komplici, li kkagunaw griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Vincenza Attadu dan kif ccertifika Doctor J. Zammit MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala li huwa ricediv wara li gie misjub hati diversament li kkommetta reati kriminali ohra kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kemm mill-Qorti ta' l-Appelli b'sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor J. Zammit fejn jirrizulta li Vincenza Attard giet ezaminata nhar it-tlieta ta' Jannar 2008 u li kienet qed issofri minn *dislocation* fi spallitha u tali griehi huma ta' natura per durata.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta' Jannar 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti ghalhekk qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-kondotta ta’ l-istess imputat.

Rat l-Artikoli tal-ligi, partikolarment l-Artikoli 214, 216, 261, 262 u 274 u 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Qorti** rat ukoll l-Att 441 tas-sena 2007 u f’dawn ic-cirkostanzi, wara li **tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH VELLA hati, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn, liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Oltre dan tikkundanna lill-imputat Joseph Vella jhallas multa ta’ €1150, liema multa ghandha tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ €100 ‘l wiehed u f’kaz li l-imputat jonqos f’wiehed mill-pagamenti dovuti, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa u dan jigi konvertit awtomatikament fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------